# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru : 531/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**FB**

**Vs**

**MLM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' FB, datat 20 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (3/12/2005) ġewwa Floriana (kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

*Illi l-partijiet sseparaw fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood u għalhekk ilhom jgħixu separatament għal aktar minn erba' snin ( hawn anness u mmarkat bħala Dok B)*

*Illi m'hemm l-ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li l-manteniment*

*jitħallas regolarment ;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħataw d-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant l-esponent f'dawn iċ-ċirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, u sabiex dan jiġi reġsitrat fir-Reġistru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MLM datata 14 ta' Jannar 2020 a fol 17, li taqra hekk:

1. *Hija taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu tal-20 ta' Novembru 2019, il-kontendenti nfirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 8 ta' Frar 2012 in atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood u ma hemm ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.*

2. *Ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.*

3. *Tenut kont ta' dan, u tenut ukoll kont tad-dispost tal-Artikoli 66 B, 66 C u 66 D (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istanti taqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti ċelebrat fit-3 ta' Diċembru 2005, dan purche jibqgħu immutati id-drittijiet kollha tagħha naxxenti mill-att pubbliku datat 8 ta' Frar 2012.*

4. *In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kien ir-rikorrent li għażel li*

*jipproċedi f'din l-istanza, l-esponenti ma għandha tbati ebda spejjeż ġudizzjarji relattivi għall-proċeduri odjerni. .*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi FB xehed (fol 20) illi huwa izzewweġ lill-martu fit-3 ta' Diċembru 2005 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi l-manteniment jitħallas regolarment. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw fit-8 ta' Frar 2012. Illi mid-data tas-separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni issir.

Illi MLM xehdet (fol 22) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed zewġha FB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Diċembru 2005 (Vide Dok A, fol 2A) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt tfal; wieħed għandu sittax – il sena u l-ieħor għandu ħmistax – il sena;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, datat 8 ta' Frar 2012 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**